**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru 37/2022 RM**

**Gennaro Lanza f'ismu proprju u f'isem is-soċjeta' estera DBX Group Limited**

**-Vs-**

**Dr. Siegfried Borg Cole**

**Illum, 8 ta' Lulju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fir-Reġistru fil-11 ta' Frar 2022 minn Gennaro Lanza f'ismu proprju u f'isem is-soċjeta' estera DBX Group Limited fejn talab illi l-konvenut Dr. Siegfried Borg Cole jiġi kkundannat jirrifondi u jħallas lura depożitu lilu mħallas fl-4.11.2020 u dan għall-iskop ta' possibbilita' ta' servizzi reżi minneh fl-ammont ta' ta' tnax il-elf Ewro (€12,000) u dan kif aħjar deskritt fl-ittra uffiċjali iddatata 28.10.2021 li ġġib in-numru 2742/2021 u ġiet innotifikata lilek fil-08.11.2021 u għal-liema talba għal ħlas u rifużjoni inti bqajt inadempjenti, kemm il-darba dawn is-servizzi la ġew minnek reżi u/jew ma kienux neċċesarji, kopja informali ta' liema ittra qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A' bl-imgħax legali u l-ispejjeż kontra l-intimat.

Rat ir-Risposta tal-konvenut Dr. Siegfried Borg  Cole fir-Registru fit-2 ta' Marzu 2022 fejn eċċepixxa:-

*"1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati filf-att u fid-dritt u għaldaqsatnt għandhom jiġu respinti stante li l-konvenut ma għandu l-ebda relazzjoni guridika mal-ebda wieħed mill-atturi, għajr il-fatt li l-ħlas sar għan-nom ta' terza persuna u tali terza persuna inatat is-servizzi miluba u saħansitra tħallsu spejjez inkorsi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*
*Bl-ispejjez"*

Rat id-digriet tagħha mogħti fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2022 fejn b'referenza għall-mandat għat-taħrika tax-xhud rappreżentant Em@ney p.l.c., ordnat *inter alia* lix-xhud biex tesebixxi biss dawk id-dokumenti li ġew effettivament ippreżentati mill-bank fl-atti tar-Rikors Ġuramentat bin-Numru 1118/2020 u mhux ukoll id-dokumenti li l-bank seta' kien bi ħsiebu jressaq fl-atti ta' dawk l-imsemmija proċeduri;

Rat id-digriet mogħti fit-12 ta' Diċembru 2022 fejn ordnat l-isfilz tal-Affidavit ippreżentat mill-attur Gennaro Lanza;

Rat id-digriet mogħti minnha waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu 2023 laqgħet it-talba tal-attur sabiex id-dokumenti li kienu annessi mal-affidavit tal-istess attur Gennaro Lanza li ġew sfilzati bid-digriet tat-12 ta' Diċembru 2022 jerġgħu jiġu ammiss in atti biex jiġu annessi mal-affidavit ippreżentat fit-28 ta' Frar 2023;

Rat id-digriet mogħti fil-25 ta' Mejju 2023 fejn ċaħdet it-talba tal-attur għar-revoka *contrario imperio* tad-digriet tagħha tat-3 ta' Mejju 2023 fejn ġie dikjarat magħuq l-istadju tas-smigħ tal-provi tal-atturi;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attur qed jitlob ir-rifużjoni ta' somma flus li huwa kien ħallas lill-konvenut għal prestazzjoni ta' servizzi legali professjonali konsistenti. Skont l-attur il-kawżali tat-talba tinsab fin-nuqqas da parti tal-konvenut li jippresta ebda servizzi jew fil-prestazzjoni ta' servizzi li ma kienux meħtieġa. L-attur jisħaq illi l-ammont li ġie mħallas lill-konvenut in linea ta' spejjeż u drittijiet legali, ġie hekk imħallas għalxejn lill-konvenut li, minkejja li ġie interpellat, irrifjuta li jirrifondilu l-ammont imħallas minnu għall-iskop miftiehem.

Mill-atti u mill-provi jirriżulta li l-attur iddepożita s-somma ta' €12,000 fil-kont bankarju tal-konvenut Dr. Siegfried Borg Cole fl-4 ta' Novembru 2020[1] mill-fondi tas-soċjeta' DBX Group Limited, u dan espressament għall-ħlas ta' "*case fees for Belight*" skont invoice maħruġ mill-konvenut bin-numru T30773. Mhux kontestat mill-konvenut li huwa rċieva dan il-pagament.

Il-konvenut, iżda, jikkontesta l-eżistenza ta' rapport ġuridiku mal-attur Gennaro Lanza u s-soċjeta' DBX Group Limited li għamlet il-pagament, u jsostni illi l-ħlas tas-somma

[1] Ara dokument f'paġna 3 tal-atti, mehmuż mar-Rikors promotur.

ta’ €12,000 saret minnhom jew min xi ħadd minnhom għan-nom ta’ terza persuna, Belight Capital Group Limited li kienet il-klient tiegħu, u mhux għaliex jeżisti xi relazzjoni ġuridika ma’ xi wieħed mill-atturi.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi s-soċjeta’ Belight Capital Group Limited (‘Belight’) hija soċjeta’ finanzjarja regolata, dak iż-żmien, taħt il-liġi Ċiprijotta bħala Securities & Exchange Commission Investment Firm u kienet liċenzjata biex tipprovdi servizzi finanzjarji u ta’ *online banking*. Jirriżulta wkoll illi fil-kont bankarju li Belight kellha mal-bank Em@ney p.l.c.[2] kienu jiġu depożitati l-flejjes tal-klienti tal-kumpannija tal-attur, Dubai FXM (sussegwentement DBFX Limited) li kienet topera fin-negozju ta’ crypto-trading, u dan għaliex Belight kienet aċċettat li tipprovdi lil Dubai FXM l-użu tal-kont bankarju tagħha għal dan l-iskop.

Jirriżulta wkoll[3] illi f’Diċembru 2019, il-bank Em@ney p.l.c. kienet suspettat attivita’ frawdolenti u sospendiet ir-relazzjoni tagħha ma’ Belight billi ma baqgħetx tipprovdilha servizzi bankarji. In segwitu, il-bank kien ġie wkoll notifikat mill-Awtorita’ Maltija għas-Servizzi Finanzjarji li fit-8 ta’ April 2020, l-awtoritajiet kompetenti fiċ-Ċipru (CySec) kienu ssospendew l-awtorizzazzjoni mogħtija lil Belight Capital Group Limited biex taġixxi bħala fornitur ta’ servizzi ta’ investiment u milli tkompli tipprovdi servizzi u attivitajiet finanzjarji, fost attivajiet oħrajn. B’effett tas-sospensjoni tas-servizzi provduti mill-bank, is-soċjeta Belight ma setgħetx tibqa’ tagħmel użu mill-kont bankarju tagħha ma’ Em@ney p.l.c. bil-konsegwenza li l-kumpannija tal-attur ma kellhiex iktar aċċess għall-flus tal-klienti tagħha depożitati f’dan il-kont bankarju.

L-attur isostni illi huwa kien infurmat mill-konvenut u minn Ryan Robert Porter, l-amministratur u benefiċċjarju tal-kumpannija Belight, illi l-fondi tal-klienti tal-kumpannija tiegħu kienu miżmumin f’dan il-kont bankarju minħabba s-sospensjoni da

[2] IBAN MT96EM0N020150000000000BELIGHT.

[3] Dan jirriżulta minn eżami tal-atti tar-Rikors Ġuramentat bin-numru 1118/2020, uħud minnhom esebiti fl-atti proċesswali odjerni.

parti ta' Em@ney p.l.c. tas-servizzi bankarji provduti lil Belight, u biex dawn il-fondi jiġu rilaxxati kellha tinfetaħ kawża minn Beligh fil-konfront tal-bank.

Iżda l-attur jakkuża lill-konvenut u lil Ryan Robert Porter li ma qalux il-verita' meta qalulu li l-fondi fil-kont ta' EM@ney p.l.c kienu ġew imblokkati u l-bank ma riedx jirrilaxxa l-fondi fil-kont ta' Belight, għaliex fil-verita' Ryan Robert Porter kien diġa' rċieva il-fondi kollha mingħand Em@ney p.l.c u l-fondi qatt ma kienu miżmumin mill-bank. Jisħaq illi huwa kien il-vittma ta' skema frawdolenti mfassla mill-konvenut u minn Ryan Robert Porter biex jibqa' mistur il-fatt li l-flejjes tal-klienti tal-kumpannija tiegħu li kienu depożitati ma' Em@ney p.l.c. fil-kont ta' Belight kienu effettivament ġew approprjati indebitament minn Ryan Robert Porter. L-attur isostni wkoll li minħabba dan il-gideb, huwa ġie żvijat biex iħallas lill-konvenut is-somma ta' €12,000 biex jiftaħ kawża fil-konfront ta' Em@ney p.l.c. liema kawża huma kienu qalulu kienet l-uniku mezz biex jiġu żblokkati ossia liberati l-fondi tal-klienti tal-kumpannija tiegħu li kienu qed jinżammu fil-kont bankarju ta' Belight.

Xehed illi l-konvenut qallu: "*We have to legally attack Em@ney p.l.c. byt Ryan has no more money, he invested everything in Belight and now all his funds are blocked in the various banks. Therefore, it is necessary to open a civil case against Em@ney and start a European investigation and trace where they have moved Belight's funds....*" Dan ma ġiex kontestat mill-konvenut.

L-attur xehed ukoll li l-konvenut u Ryan Robert Porter kienu qalulu wkoll li din il-kawża kellha tiġi istitwita mingħajr dewmien għaliex ix-xerrej prospettiv tal-kumpannija Belight, ċertu Pierre Buomtempo, ried illi l-kwistjoni ma' Em@ney p.l.c. tiġi riżolta minnufih qabel jiġi konkluż il-proċess tal-akkwist tal-ismha fil-kumpannija Belight. Xehed: "*Ryan therefore had no money, and I had to pay Euro twelve thousand (€12,000) in order to sue the bank to get my money back, which was blocked in the various banks. ... So, if I did not pay the twelve thousand euro (€12,000), the new buyer would not pay Ryan and I would not, therefore, get the money. ... They convinced me once again and I made the payment to Siegfried which was followed by*

*other emails between the parties in the following months and in November 2020 a civil suit was opened against EM@ney (summons 1118/2020), where my hope was to recover the money blocked on EM@ney* ***as I had funds amounting to Euro five hundred and sixty five thousand five hundred ninety eight (€565,598.00)****. I then made a payment of Euro twelve thousand (€12,000) into this account."*[4]

Jirriżulta illi l-attur ħallas lill-konvenut fil-*clients account* tiegħu is-somma ta' €12,000 fl-4 ta' Novembru 2020, liema ħlas sar permezz ta' trasferiment bankarju mill-kont ta' DBX Group Limited, kumpannija li l-Qorti fehmet illi huwa amministratur u l-benefiċċjarju tagħha l-attur.

Jirriżulta tassew li in segwitu għall-ħlas tas-somma ta' €12,000 fil-*clients account* tal-konvenut Dr. Siegfried Borg Cole, l-istess konvenut kien ippreżenta Rikors (Numru 1118/2020) quddiem il-Prim'Awla tal-Qori Ċivili fl-ismijiet **Belight Capital Group Limited v. Em@ney p.l.c.**, ikkonfermat bil-ġurament ta' Ryan Robert Porter, li permezz tiegħu is-soċjeta' Belight talbet *inter alia* li jiġu rikonċiljati u likwidati l-ammonti miżmuma fil-kont bankarju tagħha mal-bank EM@ney p.l.c., u li l-bank jiġi kkundannat iħallasha l-ammonti hekk rikonċiljati u likwidati. Fir-Rikors ġie premess u konfermat bil-ġurament minn Ryan Robert Porter għan-nom ta' Belight, illi minkejja li l-bank kien wiegħed li sejjer jirrifondi l-fondi depożitati fil-kont bankarju tagħha fis-somma ta' ċirka €143,000, u li kellha ssir ukoll rikonċiljazzjoni tal-flejjes kollha depożitati fl-imsemmi kont bankarju kif ukoll f'*suspense account*, il-bank baqa' ma ħallas lura ebda ammont mill-fondi li kienu depożitati fil-kont bankarju tagħha minkejja li ġie interpellat biex jagħmel dan.

Fir-Risposta Ġuramentata ppreżentat fil-kawża msemmija[5], Em@ney p.l.c. eċċepiet illi l-fondi kollha li kienu depożitati fil-kont bankarju ta' Belight Capital Group Limited, fis-somma ta' €143,068.45, kienu diġa' ġew rifużi fis-17 ta' Diċembru 2019

---

[4] Xehed ukoll: *"I was alone in solving the problem of the blocked funds on a company that I was not the owner of and had no power over ...".*

[5] Kopja esebita minn rappreżentant ta' Em@ney p.l.c.

meta l-imsemmija somma ġiet trasferita lil Robert Ryan Porter, l-uniku azzjonist tal-kumpannija, fil-kont bankarju li fih huwa kien tabilħaqq talab li jirċievi dawn il-fondi (Dok. EM2).

Jirriżulta wkoll illi din il-kawża ġiet kanċellata permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Diċembru 2021.

L-attur xehed ukoll illi f'Diċembru 2020 wara li ġiet intavolata l-kawża msemmija, huwa staqsa diversi drabi lill-konvenut dwar l-iżviluppi fil-proċess tal-irkupru tal-fondi tiegħu mill-kont ta' EM@ney p.l.c. u għal spjega tan-nefqa tal-flus li kien ħallsu, iżda baqa' qatt ma wieġbu lura[6]. Meta mbagħad xi darba f'Mejju 2021 mar fl-uffiċċju tal-konvenut mingħajr appuntament, il-konvenut qallu li kien sejjer jirrifondilu s-somma ta' €12,000. Hu kien bagħtlu email bid-dettallji tal-kont bankarju tal-kumpannija DBFX (Dok. GL38) iżda l-flus qatt ma waslu. Kien mar il-Qorti għas-smigħ tal-kawża u wara s-seduta, il-konvenut kien tah kopja tar-risposta li ġiet ippreżentata minn EM@ney p.l.c. u kien hemmhekk li rrejalizza illi l-kont ta' Belight kien ġie magħluq minn Em@ney p.l.c. f'Diċembru 2019 u Ryan Robert Porter kien rċieva l-bilanċ fil-kont fis-somma ta' €143,068 fil-kont bankarju personali tiegħu mingħand Em@ney p.l.c. minnufih wara, fis-17 ta' Diċembru 2019.

Kif ingħad diġa', it-teżi tal-attur hi illi filwaqt li l-konvenut u Ryan Porter kienu ben konsapevoli li l-flus tal-klienti tal-kumpannija tiegħu li kienu depożitati fil-kont bankarju ta' Belight, kienu diġa' ġew trasferiti minn Em@ney p.l.c. lill-istess Ryan Porter, huwa ġie żvijat minnhom biex jemmen illi jekk iħallas lill-konvenut is-somma ta' €12,000 fi drittijiet u spejjeż biex jinbdew proċeduri ġudizzjarji fil-konfront ta' EM@ney p.l.c., dawn il-fondi jiġu rilaxxati lil Belight.

Fix-xhieda tiegħu l-attur insista enfatikament illi huwa kien aċċetta li jħallas is-somma ta' €12,000 lill-konvenut biex jiftaħ il-kawża kontra Em@ney p.l.c għaliex kien

[6] Ara korrispondenza esebita mill-attur: Dok. GL37 u Dok. GL38.

infurmat illi l-bank kien qed iżomm il-fondi fil-kont ta' Belight - li fih kien hemm flejjes tal-klienti tal-kumpannija tiegħu - mingħajr raġuni valida:-

"*... they had persuaded me to pay even another Euro twelve thousand (€12,000) for a lawsuit that would have been lost at the start because the funds in Em@ney's account had been immediately released by Em@ney and sent to Ryan. There was no legal reason to file a lawsuit. Em@ney had NEVER withheld funds.*"

*"So the court case only served to buy more time, to continue the scam ...."*

Ikkunsidrat;

Kif rajna qabel, il-konvenut jikkontendi illi l-attur u l-kumpannija DBX Group Limited li effettwat il-ħlas tal-ammont ta' €12,000 fil-*clients account* tiegħu, ma għandhom ebda relazzjoni ġuridika miegħu u l-ftehim għall-ftuħ tal-kawża saret esklussivament ma' Belight li hi biss kienet il-klient tiegħu. Isostni illi huwa ma kienx involut fil-ftehim bejn l-attur u Robert Ryan Porter dwar min kellu jħallas l-ispejjeż tal-kawża u fir-rigward tal-kawża, ma setax jieħu struzzjonijiet ħlief mingħand Belight.

Huwa risaput illi sabiex jigi stabbilit jekk parti ċitata fil-ġudizzju hijiex leġittimu kontradittriċi tat-talba, irid neċessarjament jiġi mistħarreġ jekk mad-daqqa t'għajn, il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li allegatament ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti, u li r-riżultat persegwit mill-attur bit-talba huwa msejjes fuq relazzjoni negozjali jew ġuridiku.

Kif ġie osservat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti**:

"*... b'relazzjoni guridika wiehed necesarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha.*"

Fis-sentenza fil-każ **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et**, deċiża fit-28 ta' Settembru 2016, ġie ritenut ukoll:

"*Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:* ***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:*
*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

Miżmum dan ferm, il-Qorti tqis illi l-eċċezzjoni tal-konvenut safejn ġie allegat illi ma għandu ebda rapport ġuridiku mas-soċjeta' DBX Group Limited ma treġġix bl-ammissjoni tal-konvenut innifsu illi kien ġie deċiż illi l-pagament tal-ispejjeż b'rabta mal-kwistjoni li Belight kellha ma' EM@ney p.l.c. jirċevih huwa stess direttament fil-*clients account* tiegħu għan-nom ta' Belight Capital Group Limited. Dan magħdud il-fatt li l-konvenut irċieva l-flejjes direttament mingħand il-kumpannija DBX Group Limted. Għall-Qorti, dan kollu magħdud huwa biżżejjed biex jiġi riskontrat fil-kumpannija attriċi DBX Group Limited, li effettivament effetwat il-pagament lill-konvenut, involviment materjali fin-negozju mertu tat-talba fir-Rikors, konsistenti fil-

pagament tas-somma ta' €12,000 lill-konvenut li l-istess soċjeta' DBX Group Limited qed titlob ir-rifużjoni tagħha, li jfisser ukoll illi l-eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tiegħu, safejn tikkonċerna l-mankanza ta' relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi, hija infondata.

Fl-Affidavit tiegħu il-konvenut xehed ukoll illi huwa nieqes għal kollox xi rapport ġuridiku bejn il-kumpannija attriċi DBX Group Limited jew l-attur de proprio, u Belight Capital Group Limited, għaliex Belight kellha relazzjoni biss mal-kumpannija l-oħra tal-attur, DBFX Limited. Iżda l-Qorti tqis li dan l-argoment huwa bla bażi kif ukoll irrilevanti għad-determinazzjoni tat-talbiet attriċi. L-uniku rapport ġuridiku li l-eżistenza tiegħu jeħtieġ li jiġi stabbilit biex it-talba tal-atturi tista' tiġi aġġudikata fil-mertu, huwa r-rapport bejn l-atturi u l-imħarrek fil-kawża, ċioe' l-konvenut innifsu, u mhux bejn l-atturi u terzi persuni.

Il-konvenut eċċepixxa wkoll in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika mal-attur *de proprio*. Isostni li l-ftehim kien li s-somma ta' €12,000 kellha titħallas mill-kumpannija Dubai FXM Limited – il-kumpannija li kellha l-fondi tal-klienti tagħha miżmumin minn EM@ney p.l.c. fil-kont bankarju ta' Belight - u mhux mill-kumpannija DBX Group Limited li effettivament spiċċat bagħtet il-pagament fil-*clients account* tiegħu.

Iżda l-Qorti tosserva illi filwaqt li dan jikkozza mal-asserzjoni l-oħra tal-konvenut li l-pagament ta' €12,000 ġie mħallas biex jiġu saldati d-drittijiet professjonali tiegħu għal servizzi li diġa' kien ippresta lil Belight fir-rigward tal-vertenza ma' Em@ney p.l.c., l-attur – korroborat minn Ryan Robert Porter - xehed illi l-ftehim illi l-ammont dovut in linea ta' spejjeż u drittijiet legali biex tiġi istitwita l-kawża f'isem Belight fil-konfront ta' EM@ney p.l.c., kellu jitħallas minnu, ġie milħuq ma' Ryan Robert Porter bl-involviment ukoll tal-konvenut. Fir-rigward, Ryan Robert Porter xehed illi peress li l-attur kellu "*an indirect fiscal interest*" li ssir il-kawża biex jiġu liberati l-fondi fil-kont ta' Belight, kien offra li jiffinanzja l-kawża kontra Em@ney p.l.c. u hu kien aċċetta din il-proposta.

Ma hemm xejn fix-xhieda tal-attur u fix-xhieda ta' Ryan Robert Porter li jagħti x'jifhem illi kien ġie miftiehem ukoll li dan il-pagament kellu jsir neċessarjament mill-fondi ta' xi kumpannija partikolari li l-attur kellu sehem fiha. Għall-Qorti, il-provenjenza tal-flus li kellhom jitħallsu għall-iskop miftiehem u l-fatt li l-attur spiċċa ħallas is-somma li kien talbu l-konvenut biex isir dak kollu meħtieġ biex tiġi istitwita l-kawża ċivili fil-konfront ta' Em@ney p.l.c., mill-fondi tal-kumpannija DBX Group Limited, ma hu ta' ebda konsegwenza.

Wara kollox, l-obbligazzjoni tal-ħlas tista' wkoll tiġi mitmuma bil-ħlas magħmul minn terza persuna li ma jkollhiex interess fiha, basta li din il-persuna taġixxi fl-isem u għall-ħelsien tad-debitur, jew, jekk taġixxi fl-isem tagħha nfisha, basta li ma tiġix imdaħħla fil-jeddijiet tal-kreditur[7].

Barra minn hekk, il-konvenut u Ryan Robert Porter ma jaqblux bejniethom fir-rigward ta' min kienet il-persuna jew kumpannija li kellha tħallas l-ispejjeż lill-konvenut. Filwaqt li l-konvenut saħaq li l-ftehim kien li l-ammont jitħallas minn DFX Dubai Limited, allegazzjoni li ma ssib ebda konfort fil-provi proċesswali, l-attur xehed – u x-xhieda tiegħu baqgħet mhux kuntrastata – illi kien aċċetta li jħallas l-ispejjeż huwa stess, asserzjoni li ġiet affermata minn Ryan Robert Porter li xehed illi Gennaro Lanza kien aċċetta li jħallas l-ispejjeż tal-kawża. Huwa wkoll evidenti minn qari tal-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet in konnessjoni mal-pagament tas-somma ta' €12,000, illi l-ftehim li ntlaħaq bejn l-attur, Ryan Robert Porter u fuq kollox, il-konvenut, kien li dan il-flus jitħallsu speċifikatament biex tinfetaħ kawża ċivili fil-konfront ta' EM@ney p.l.c[8]. Stabbilit illi ġie miftiehem illi l-flus kellhom jitħallsu mill-attur, huwa immaterjali l-fatt li l-flus eventwalment ġew trasmessi fil-kont tal-konvenut minn kumpannija tal-attur li m'hijiex waħda li jidher li hija konnessa mal-fondi fil-kont ta' Belight

---

[7] Artikolu 1146(2) tal-Kodiċi Ċivili.
[8] Ara Dok. GL36.

Minn dan jikkonsegwi illi huwa riskontrabbli wkoll rapport ġuridiku innegabbli bejn l-attur *de proprio* u l-konvenut għaliex kif ġie appena stabbilit, il-kumpless tal-provi u x-xhieda jnisslu inferenza ċara ta' fatt illi l-ftehim għall-ħlas lill-konvenut tal-ispejjeż u drittijiet tal-kawża fil-konfront ta' Em@ney p.l.c. sar mal-attur Gennaro Lanza mingħajr distinzjoni fir-rigward tal-kapaċita li fiha kellu jagħmel il-pagament mitlub mill-konvenut u mingħajr ebda kundizzjoni dwar il-provenjenza tal-istess fondi.

Huwa għalhekk ippruvat sodisfaċjentement illi l-attur Gennaro Lanza wkoll kellu rwol materjali fin-negozju ġuridiku li ta lok għall-pagament tas-somma lill-konvenut li fir-Rikors qed tintalab ir-rifużjoni tagħha.

Ikkunsidrat;

Niġu issa għall-iskop tal-flus li ġie mħallas lill-konvenut.

Kif rajna, l-attur isostni li huwa ħallas lill-konvenut Dr. Siegfried Borg Cole biex jiftaħ kawza fil-konfront ta' Em@ney p.l.c. f'isem Belight, sabiex jiġu żblokkati l-fondi fil-kont ta' Belight liema fondi kienu jappartjenu lil klienti tal-kumpannija tiegħu Dubai FXM Limited. Il-konvenut, min-naħa l-oħra, xehed illi s-somma ta' €12,000 ġiet imħallsa **wkoll** biex jiġu saldati d-drittijiet professjonali dovuti lilu għal servizzi legali li kien ippresta lil Belight fosthom diversi laqgħat mal-bank Em@ney p.l.c.

Iżda l-Qorti m'hijiex konvinta mill-verżjoni tal-konvenut li l-ammont ta' €12,000 imħallas mill-attur tramite l-kumpannija tiegħu, kellu jkopri d-drittijiet professjonali tal-konvenut "*kemm qabel il-kawża u l-presentazzjoni tal-istess kawża*" u illi huwa kellu jirċievi "*is-somma ta' tnax-il elf Euro (€12,000) għas-saldu tad-dritt tiegħi għas-serviġi ġia' reżi u li jridu jingħataw dwar din il-kwistjoni ...*"

Din il-verżjoni tal-konvenut hija kontradetta mix-xhieda ta' Ryan Robert Porter li jistqarr fl-Affidavit tiegħu illi[9] "*I suggested that Lanza remit twelve thousand euro to Dr Borg Cole to fund the case and advise.*" Dan jikkontradixxi wkoll l-allegazzjoni li għamel il-konvenut fix-xhieda tiegħu illi l-flus ġew trasmessi lilu direttament mill-attur biex jiġi evitat trasferiment doppju bejn l-attur u Belight u mbagħad minn Belight lilu u tosserva illi din l-asserzjoni mhux sopportata mill-fatti li joħorġu mill-korrispondenza esebita fl-atti proċesswali. U għalkemm jista' jkun minnu li l-konvenut ma kienx qed jippatroċina direttament lill-attur f'dik il-kawża, huwa stabbilit fuq bażi ta' probabbilitajiet fuq il-preponderanza tal-provi li l-attur ħallas il-flus lill-konvenut għall-intavolar tal-kawza għaliex kellu interess li jagħmel dan u l-konvenut irċieva dawn il-flus mingħandu proprju biex il-flus fil-kont ta' Belight ma' EM@ney p.l.c. jiġu rilaxxati biex eventwalment jitħallsu lill-kumpannija tal-attur u mhux biex jissalda xi kontijiet pendenti li Belight kellha mal-konvenut. Dan joħroġ ukoll mid-dokument li jevidenzja l-pagament tal-ammont lil-konvenut: "***case fees** for Belight*"[10]. Imkien ma jirriżulta illi dan il-pagament kien jirrappreżenta l-ħlas ta' servizzi professjonali jew extra-ġudizzjarji li kienu diġa' ġew reżi mill-konvenut lil Belight.

Il-Qorti fehmet illi l-kumpannija tal-attur kienet il-benefiċċjarja tal-fondi fil-kont ta' Belight Capital Group Limited ma' EM@ney p.l.c. u kellha interess inġenti li tikseb ir-rilaxx tal-fondi tal-klienti tagħha minn ġewwa dan il-kont u kwindi li tiġi intavolata l-kawża opportuna fil-konfront tal-istess bank. Kemm hu hekk, għalkemm il-konvenut bħala avukat kien qed jirrappreżenta lil Belight Capital Group Limited f' dik il-kawża, huwa stess stqarr fix-xhieda tiegħu illi Belight kellha bżonn tirċievi struzzjonijiet mingħand l-attur biex il-kawza tiġi ċeduta. Għall-Qorti dan ifisser li l-kawża saret ukoll fl-interess u għall-benefiċċju tal-attur odjern u hija sodisfatta illi f'dan l-isfond, il-verżjoni tal-attur illi kien ftiehem mal-konvenut u ma' Ryan Robert Porter li jgħaddi s-somma ta' €12,000 direttament lill-konvenut sewwasew biex jiftaħ

[9] "*We handled the money on behalf of his clients, he was a broker*" – Ryan Robert Porter in kontro ezami (paġna 748 tal-atti tal-kawża). Ix-xhud fl-istes depożizzjoni ċaħad li l-fondi fil-kont ta' Belight kienu ta' Belight jew tal-attur personalment, iżda kkonferma li kienu tal-klienti fosthom klienti ta' DBFX.

[10] Enfasi tal-Qorti.

din il-kawża fil-konfront ta’ Em@ney p.l.c - liema kawża setgħet tiġi promossa biss minn Belight bħala l-*account holder* – għandha mis-sewwa.

Għandu jiġi osservat illi jekk tassew is-somma ta’ €12,000 kienet ġiet imħallsa biex tkopri wkoll is-servizzi legali professjonali ġia’ reżi qabel mill-konvenut lil Belight Capital Group Limited u jew lil Ryan Robert Porter, wieħed kien jistenna li jara fost il-provi proċesswali, xi kont maħruġ mill-konvenut bi spjega tad-drittijiet professjonali u spejjeż li dwarhom kien intalab il-ħlas tas-somma ta’ €12,000. Prova li madanakollu ma nġabitx u għalhekk l-allegazzjoni li nħarġet riċevuta mill-konvenut lil Belight għall-ħlas tas-somma ta’ €12,000 m’hijiex fil-fehma tal-Qorti waħda li għandha mis-sewwa.

Dan ikompli jsaħħaħ il-fehma tal-Qorti illi s-somma ta’ €12,000 ġiet imħallsa mill-attur biex tiġi applikata għall-ħlas tal-ispejjeż u drittijiet legali biex tinfetaħ il-kawża ċivili li kienet tinħtieġ biex jinkiseb ir-rilaxx mill-kont ta’ Belight tal-flus tal-klienti tal-kumpannija tal-attur. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi mill-provi jirriżulta b’mod konklussiv illi l-kawżali tal-pagament lill-konvenut kienet esklussivament il-ftuħ mill-konvenut ta’ proċeduri ġudizzjarji f’isem Belight fil-konfront ta’ Em@ney p.l.c. u mhux ukoll il-ħlas ta’ drittijiet legali professjonali dovut lill-konvenut “*għal serviġi ġia’ resi*”[11] in konnessjoni mal-kwistjoni li Belight kellha mal-imsemmi bank inkluż laqgħat mal-bank u laqgħat bejn Belight u Dubai FXM Ltd fl-uffiċċju tiegħu.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit dan kollu, b’mod partikolari l-fatt illi jirriżulta – u mhux kontestat - li l-bank Em@ney p.l.c. kien ittrasferixxa l-flus kollu fil-kont ta’ Belight lil Ryan Robert Porter f’Diċembru 2019, u stabbilit ukoll l-eżistenza ta’ ftehim konkluż bejn l-attur, Ryan Robert Porter u l-konvenut dwar il-ħlas tal-flus għall-kawża, ikun opportun li tistħarreġ jekk il-kunsens mogħti mill-attur biex jiffinanzja l-proċeduri ġudizzjarji li kellhom jiġi istitwiti mill-konvenut fil-konfront ta’ Em@ney p.l.c u l-ħlas tas-somma

[11] Affidavit tal-attur.

ta’ €12,000 magħmul lill-konvenut għal dan l-iskop, kienx vizzjat skont kif maħsub fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili.

Kif inhuwa risaput, din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha, anke jekk it-talba mfissra fir-Rikors promotur ma tiġix ippruvata, hija tista’ tiddeċiedi fuq jedd ieħor li jiġi ppruvat għalkemm dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali kif imfisser fl-att promotur tal-azzjoni.

Iżda f’kull każ, il-Qorti tosserva illi l-kawżali tat-talba mfissra fir-Rikors promotur hija għar-rifużjoni tal-flus imħallas lill-konvenut minħabba li s-servizzi li kellhom jiġu reżi mill-konvenut ma kienux neċessarji: dan jorbot sfiq max-xhieda tal-attur illi huwa ħallas għal spejjeż u servizzi legali biex tinfetaħ kawża li huwa ngħata x’jifhem li kienet neċessarja biex jiġu liberati l-flus tal-klienti tal-kumpannija tiegħu mill-kont ta’ Belight, meta in segwitu irriżulta li dawn il-flus ma kienux tabilħaqq miżmumin mill-bank Em@ney p.l.c.  Kawża li jirriżulta wkoll li ġiet intavolata bla bżonn għaliex ma setgħet qatt tħalli riżultat utili meta jirriżulta li l-flus li tagħhom kien qed jintalab il-ħlas, kienu diġa’ ġew rilaxxati lil Ryan Robert Porter, l-azzjonist ta’ Belight l-attriċi f’dik il-kawża, ferm qabel ġiet istitwita l-kawża u addirittura ferm ġie miftiehem li l-attur kellu javvanza l-fondi biex tinfetaħ din il-kawża.  Fatt li qatt ma ġie miċħud mill-istess Ryan Robert Porter li meta xehed in kontro-eżami, iddikjara biss li ma jiftakarx id-data meta l-flejjes fil-kont ta’ Belight ġew trasferiti lil kont bankarju ieħor[12].

Għall-Qorti, il-provi proċesswali ftit iħallu dubju li l-attur tassew aċċetta li jħallas l-ispejjeż tal-kawża lill-konvenut għaliex kien ġie persważ jemmen li l-kawża kienet meħtieġa għar-rilaxx tal-fondi mill-kont ta’ Belight.  Huwa indiskuss illi l-attur ġie indott fi żball meta ġie miftiehem ma’ Ryan Robert Porter u l-konvenut li huwa kellu jiftaħ kawża ċivili minn Belight fil-konfront ta’ EM@ney p.l.c. u li għal dan l-iskop kellu jħallas u aċċetta li jħallas lill-konvenut is-somma ta’ €12,000.  Żball li l-konvenut intebaħ bih f’xi waqt jew ieħor wara li l-attur ħallas is-somma ta’ €12,000

[12] Xhieda ta’ Ryan Robert Porter, 4 ta’ Diċembru 2023, paġna 753 tal-atti tal-kawża.

biex tinfetaħ il-kawża u effettivament ġiet intavolata din il-kawża (Rikors Ġurament Numru 1118/2020). Tant hu hekk illi l-kawża ġiet ikkanċellata fis-16 ta' Diċembru 2021 wara li baqa' ma deher ħadd għas-smigħ tal-kawża, lanqas il-konvenut bħala avukat tas-soċjeta' attriċi f'dik il-kawża.

L-Artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili jitkellem dwar il-kunsens meħtieġ biex inissel obbligazzjoni u jgħid li jekk il-kunsens fuq kuntratt ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa.

Dwar l-« iżball », l-Artikolu 976 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:-

> *(1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim.*

Dwar ir-rekwiżit li l-iżball irid jaqa' fuq is-sustanza nnifsiha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim, fis-sentenza **Godfrey Aquilina nomine vs Sebastian Galea** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Dicembru 1995, intqal hekk:

"*Biex iwassal għan-nullita' tal-ftehim għax iħassar il-kunsens, l-izball irid jaqa' fuq* ***kwalita' tal-ħaġa li kellhom f'moħhom il-partijiet, jew, għallinqas, li kellha f'moħha waħda mill-partijiet****, u li mingħajrha, ma kinux jaslu għall-ftehim, jew dik il-parti li kienet fi żball ma kinitx tagħti l-kunsens tagħha.*" (enfasi ta' din il-Qorti)

Fis-sentenza mogħtija fil-kawża **Prokuratur Legali Joseph Zammit noe vs Joseph Fenech et**, tal-4 ta' Marzu 2004, dan ir-rekwiżit ġie mfisser mill-istess Qorti b'dan il-mod:

"*Għar-rigward ta' l-allegat żball ta' fatt, l-artikolu 976 (1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullita' tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim". Skond il-ġurisprudenza, l-iżball fuq is-*

*sustanza għandu jkun* ***determinanti, soġġettiv, unilaterali u fuq kollox, skuzabbli****.*" (enfasi ta' din il-Qorti)

Fis-sentenza **Avv. Dr Giuseppe Agius noe v. F.S. Vassallo et noe**[13], il-Qorti tal-Appell qalet:-

"*... Sono varie le opinioni intorno a che cosa si debba intendere per 'sostanza' si nella dottrina francese che nella dottrina italiana; ma il Giorgi, seguendo la teoria piu' plausibile e piu' largamente accettata, ritiene al Vol. IV Teoria delle Obbligazioni, numero marginale 31, che il criterio sottinteso dal legislatore sul significato della parola 'sostanza' e' interamente subbiettivo vale a dire,* ***un criterio tutto relativo al modo con cui veniva considerato l'oggetto della convenzione dal contraente che si e' ngannato****"*. (enfasi ta' din il-Qorti)

Applikat dawn il-prinċipji legali kif imfissrin fil-ġurisprudenza in materja, il-Qorti m'għandhiex dubju li l-attur kien taħt żball meta aċċetta li jħallas l-ispejjeż tal-kawża u dan l-iżball kien dwar is-sostanza tal-ħaġa oġġett tal-ftehim, ċioe' iż-żamma mingħajr kawża ġusta tal-flus mill-bank EM@ney p.l.c. fil-kont ta' Belight. Wara li rat bir-reqqa x-xhieda, il-Qorti fehmet illi d-deċiżjoni li jħallas l-ispejjeż u drittijiet li indikalu l-konvenut biex jagħmel il-kawża f'isem Belight, l-attur ħadha primarjament mhux biss għaliex kellu interess inġenti li jara l-fondi tal-klienti tal-kumpannija tiegħu jiġu rilaxxati mill-kont ta' Belight ma' Em@ney p.l.c. iżda fuq kollox abbażi tal-informazzjoni żbaljata li l-fondi kienu għadhom fil-kont bankarju miżmumin minn EM@oney p.l.c.

Huwa wkoll evidenti li l-iżball, apparti li jolqot is-sostanza tal-oġġett tal-kuntratt kien wieħed materjali u essenzjali għaliex indiskutibbilment, l-attur ma kienx jaċċetta li jħallas dan il-flus lill-konvenut biex issir kawża minn Belight fil-konfront ta' EM@ney p.l.c. għar-rilaxx tal-flus kieku kien jaf li Robert Ryan Porter kien diġa'

---

[13] Vol. XXIV.i.1134. Ċitata fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Lulju, 1945 fl-ismijiet Joseph Navarro vs Michael Pizzuto (Vol. XXXII.ii.157).

irċieva huwa stess għan-nom ta' Belight, il-flus mingħand il-bank.  Kemm hu hekk, l-attur kien b'mod insistenti u konsistenti jitlob lill-konvenut għal informazzjoni dwar il-ftuħ tal-kawża u l-andament tal-proċeduri kif ukoll dwar l-applikazzjoni tal-flus li kien ħallas.  Biżżejjed li wieħed jara t-talbiet ripetuti tal-attur dwar l-andament tal-kawża u l-applikazzjoni tal-fondi li kien ħallas lill-konvenut, f'diversi emails li bagħtlu, ilkoll esebiti fl-atti proċesswali, u li jisma' fuq kollox il-konversazzjoni bejn l-attur u l-konvenut fl-uffiċċju tal-konvenut f'Mejju 2021, liema konversazzjoni ġiet rikordjata mill-attur[14].

Il-Qorti tosserva illi l-konvenut baqa' sieket kull darba li ġie rinfaċċjat bit-talbiet ripetuti tal-attur biex jagħtih rendikont tal-flejjes li kien ħallsu fuq talba tiegħu stess[15] u aġġornamenti dwar l-andament tal-kawża[16], u l-asserzjonijiet tal-istess attur li huwa ma kienx qed jirċievi assistenza legali kif mixtieq[17].  Kuntrarjament għal dak li xehed il-konvenut, ma jirriżulta minn imkien illi huwa kien idderieġa lill-attur lil Ryan Robert Porter biex jingħata spjegazzjoni dwar x'kien sar bil-flus li kien ħallas għall-kawża, u ma hemm ebda tweġiba f'dan is-sens fost il-korrispondenza elettronika kollha mibgħuta mill-attur lill-konvenut; fil-fatt ma nsibu ebda tweġiba kwalsiasi mingħand il-konvenut u dan hu konsistenti max-xhieda tal-attur.  Jidher minflok, illi l-konvenut injora lill-attur sakemm f'Mejju 2021, huwa tfaċċa fl-uffiċċju legali tal-konvenut li kien talbu biex jattendi għas-smigħ li jmiss fil-kawża.  L-attur xehed illi huwa kien stenna barra l-awla tal-Qorti dakinhar tas-seduta, ukoll f'Mejju 2021 u wara kien mar fl-uffiċċju tal-konvenut biex jingħata kopja tar-Risposta Ġuramentata ppreżentat minn EM@ney p.l.c. u kien hemmhekk li huwa fehem illi kien ġie żvijat

[14] Audio fuq usb Dok. GL41.
[15] Ara Dok. GL36 (email data 10 ta' Diċembru 2020) "*Can you send me a breakdown of cost, since you asked for 12.000€ od total court cost, but here I see 834€*" (paġna 534 tal-atti); Dok. GL36 (email datat 26 ta' Frar 2021) "*I need the statement about the costs for the court cases and the funds you are holding for that matter*" (paġna 537 tal-atti); Dok. GL36 (email datat 12 ta' April 2021) "*About the e-money costs, I want to have some updates as well as the court payment proofs.  I paid 12k and till now, you didnt send me any cost breakdown, a part of a note where Siggy wrote about 834€ of costs.  Please send me proof or else return me back the extra paid*" (paġna 537 tal-atti), fost emails oħrajn fl-istess vena.
[16] Ara Dok. GL3 (email datat 9 ta' Jannar 2021) "*Well, about eMoney, I need: - invoice with a breakdown of the cost (since when we win the court case, I can ask a refund)*", paġna 534 tal-atti.
[17] Ara Dok. GL37 (email datat 20 ta' April 2021), paġna 538 tal-atti tal-kawża: "*I suffered a lot of money and time, I gave a lot of time to both of you ... with a not clear legal assistance (where I paid 12k and I never get info of what I paid)*".  Dok. GL38 (email datat 6 ta' Mejju 2021) "*I remember I paid 12.000€ as you asked, from DBX Group Limited.  Please refund to this account.*" (paġna 539 tal-atti tal-kawża).

biex iħallas il-flus biex tinfetaħ kawża inutilment għaliex irriżulta illi EM@ney p.l.c. qatt ma kienet irrifjutat li tirrilaxxa l-flus fil-kont ta' Belight tant li kienet bagħtithom mill-ewwel lil Ryan Robert Porter[18].

Fir-rigward, imbagħad, tar-reġistrazzjoni bl-awdjo tal-konversazzjoni bejn l-attur l-konvenut, l-attur jinsema' jesprimi d-dispjaċir u diżappunt tiegħu talli kien appena sar jaf mir-Risposta Ġuramentata ppreżentata minn Em@ney p.l.c fil-kawża, li ma kien għad hemm ebda fondi x'jiġu rilaxxati mill-kont ta' Belight ma' EM@ney p.l.c għaliex Ryan Robert Porter kienu irċieva dawn il-fondi iktar minn sena qabel, bil-konvenut iwieġbu li kien lest jirrifondilu l-bilanċ tal-flejjes li kien ħallsu għall-kawża. F'din il-konversazzjoni l-attur talab ukoll lill-konvenut jibagħtlu rendikont tal-flus li kien nefaq mis-somma ta' €12,000 u biex jibgħatlu l-bilanċ. Il-konvenut jinsema' jgħid li fadal il-kont ċirka €8,000 jew €9,000 li ma ntużawx[19] u il-bqija l-attur qal li jirkuprahom mingħand Belight.

F'din il-konversazzjoni il-konvenut mkien ma jinsema' jgħid lill-attur li kien impossibbli biex jiltaqa' miegħu u li kellu bżonnu bħala xhud biex jixhed fil-kawża. Dan ixejjen ftit jew wisq l-asserzjoni li għamel il-konvenut fix-xhieda tiegħu illi l-attur kien "*impossibbli biex tiltaqa' miegħu*" u kellu bżonnu bħala xhud biex jikkonferma li l-flus tal-klienti tal-kumpannija tiegħu kienu jidħlu fil-kont ta' Belight. Kieku l-konvenut irriskontra xi diffikolta' biex iħarrek lill-attur bħala xhud, il-Qorti tistenna li tara quddiemha kopja ta' xi mandat għat-taħrika tal-attur bħala xhud fil-kawża jew mill-inqas, kopja ta' korrispondenza mibgħuta lill-attur biex jitla' jixhed fil-kawza. Iżda minn dan kollu ma hemm xejn fl-atti proċesswali odjerni u minn dan jikkonsegwi illi kuntrarjament għal dak li xehed il-konvenut, lanqas jista' jkun minnu illi Belight kienet talbet lill-konvenut biex ma "(j)*idhrix iktar fil-kawża sakemm jitfaċċa Lanza*". Għall-Qorti huwa ovvju wkoll illi qatt ma tressqu provi fil-kawża mhux minħabba xi nuqqas ta' ko-operazzjoni da parti tal-attur jew għaliex l-attur kien

[18] Ara senjatament email immarkat Dok. GL50 (paġna 664 tal-atti tal-kawza).

[19] Wara ħin ta' 10 minuti u 50 sekonda tal-audio.

"*solva l-problema li kellha Belight ma' Em@ney p.l.c.*" iżda għaliex il-mertu tal-kawża kien ġie eżawrit minn qabel ġiet intavolata l-istess kawża.

Fil-fatt, minn eżami ħafif tas-sistema tal-Digicourts u tad-dokumenti esebiti mill-attur[20], jirriżulta illi l-kawża Rikors Ġuramentat Numru 1118/2020 ġiet kanċellata mhux wara li kienet ġiet differita *sine die*, iżda għaliex ħadd qatt ma deher għas-soċjeta' attriċi wara d-data tal-preżentata tar-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta EM@ney p.l.c fit-3 ta' Mejju 2021.

Il-konvenut qatt ma kkontesta l-kontenut ta' dan l-audio u f'ebda waqt ma ċaħad illi huwa wieħed mill-persuni li jinsemgħu jitkellmu u billi l-materja diskussa f'din il-konversazzjoni hija konsistenti mal-verżjoni tal-attur, u fil-qies tal-provi kollha, il-Qorti tqis li għandha tagħti affidabbilita' lill-verżjoni tal-attur fir-rigward illi huwa kien ħallas il-flus lill-konvenut biex issir il-kawża kontra Em@ney p.l.c fl-interess tal-kumpannija tal-attur u li din il-kawża kienet saret għalxejn bil-konnivanza ta' Ryan Robert Porter. Minn dan jikkonsegwi wkoll illi ma jistax ikollha mis-sewwa d-dikjarazzjoni tal-konvenut illi l-attur Gennaro Lanza kien infurmah illi huwa kien solva l-problema li Belight kellha ma' EM@ney p.l.c.

Huwa evidenti mix-xhieda mhux kontradetta tal-attur illi huwa sar jaf illi l-kawża kienet ġiet intavolata inutilment meta f'Mejju 2021 ingħata mill-konvenut kopja tar-risposta ġuramentata ta' Em@ney p.l.c u kien hemmhekk li sar jaf li l-fondi fil-kont bankarju ta' Belight ma kienux qed jiġu miżmuma minn EM@ney p.l.c, li dawn kienu ġew rilaxxati lil Ryan Robert Porter kważi sena u nofs qabel u li l-kawża kienet infetħet għalxejn. Infatti, il-provi fl-assjem tagħhom inisslu inferenza ċara ta' fatt illi Robert Ryan Porter, l-azzjonist u amministratur ta' Belight, kien jaf li l-kawża li l-attur kien aċċetta li jħallas lill-konvenut l-ispejjeż u drittijiet biex tinfetaħ, kienet sejra ssir bla bżonn għaliex huwa kien diġa irċieva mingħand Em@ney p.l.c. fil-kont personali tiegħu il-fondi kollha li kien hemm fil-kont ta' Belight u ma kien hemm ebda fondi

[20] Ara Dok. GL49, paġna 662/663 tal-atti tal-kawa.

tal-klienti tal-kumpannija tal-attur li kien baqa' x'jiġu rilaxxati lil Belight[21]. Il-Qorti ma tqisx li huwa verosimili li l-attur kien jaċċetta li javvanza l-fondi biex tintefaħ din il-kawża kieku kien jaf li l-fondi fil-kont ta' Belight ma' EM@ney p.l.c. kienu diġa' ġew imħallsin lil Ryan Robert Porter.

Iżda l-Qorti ma riskontratx provi pożittivi u konkreti jew provi biżżejjed li jikkonvinċuha li huwa probabbli li l-konvenut kien jaf meta talab u rċieva l-flus mingħand l-attur biex tiġi istitwita l-kawża ċivili fil-konfront ta' Em@ney p.l.c., li l-flus li ntalab li jiġi rilaxxat mill-kont bankarju kien diġa ġie trasferit kollu lil Ryan Robert Porter u li kien konxju li l-kawża kienet ser issir inutilment. Ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement li l-konvenut kellu aċċess għall-kont bankarju ta' Belight jew li kellu xi rwol uffiċjali fil-kumpannija u għalhekk hija nieqsa l-prova li l-konvenut kien parteċipi f'xi qerq perpetrat fil-konfront tal-attur biex iġiegħlu jħallas is-somma ta' €12,000 għal pretensjonijiet foloz. Dak li hu żgur iżda, huwa l-fatt illi l-istess Ryan Robert Porter ħalef il-falz meta kkonferma bil-ġurament il-fatti dikjarati fir-Rikors Ġuramentat bin-Numru 1118/2020, fosthom illi l-bank EM@ney p.l.c kien qed jirrifjuta li jirrilaxxa l-fondi fil-kont bankarju ta' Belight.

Kollox magħdud, il-Qorti tqis li huwa ppruvat sodisfaċjentement illi l-kunsens tal-attur, meta aċċetta li jħallas lill-konvenut biex jiftaħ il-kawża fil-konfront ta' Em@ney p.l.c., ingħata għaliex kien taħt żball u l-kunsens tiegħu kien il-frott ta' vizzju tal-kunsens minħabba tabilħaqq dan l-iżball.

Ikkunsidrat;

Illi in konklużjoni għandu jingħad għall-kompletezza illi għalkemm ġie stabbilit li l-fondi ġew imħallsin lill-konvenut għas-servizzi professjonali tal-konvenut u spejjeż sewwasew in konnessjoni mal-istituzzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji fil-konfront ta'

[21] Il-mottiv ta' din il-gidba skont l-attur kien biex jingħata xejra ta' awtentiċita' lill-gidba ta' Ryan Robert Porter li l-fondi fil-kont ta' Belight kienu mblokkati u miżmuma minn EM@ney p.l.c u biex b'hekk l-istess Porter ikompli jżomm u jagħmel użu mill-fondi appartenenti lill-klienti tal-kumpannija tal-attur.

EM@ney p.l.c. u li dan il-ħlas ġie effettwat għaliex l-attur kien taħt żball determinanti, xorta waħda ma hemm ebda provi fl-atti proċesswali li juru li l-konvenut seta' ppresta xi servizzi legali jew nefaq xi spejjeż oħrajn - lil hinn mill-kawża istitwita fil-konfront ta' Em@ney p.l.c. (Rikors Numru 1118/2020) – għan-nom jew fl-interess tal-attur jew fuq struzzjonijiet tiegħu, f'liema każ kien ikun ġustifikat jikkumpensa l-ħlas dovut mill-ammont ta' €12,000. Tant hu hekk li dan ġie eskluż mill-konvenut innifsu meta xehed illi l-attur ma kienx il-klient tiegħu u fil-kawża li istitwixxa fil-konfront ta' Em@ney p.l.c. ma kienx qed jirrappreżenta l-interessi ta' l-attur jew tal-kumpannija tiegħu.

**Għal dawn il-motivi kollha, taqta' u tiddeċiedi illi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tiegħu, tilqa' t-talba ta' GENNARO LANZA F'ISMU PROPRJU U F'ISEM IS-SOĊJETA' ESTERA DBX GROUP LIMITED, u tikkundanna lil DR. SIEGFRIED BORG COLE iħallas lura s-somma ta' tnax-il elf Euro (€12,000) liema somma ġiet imħallsa lilu għaliex il-kunsens tal-attur GENNARO LANZA għall-ħlas ta' din is-somma ġie mogħti bi żball kif hawn fuq deċiż, bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-konvenut bir-Rikors promotur u l-ispejjeż jiġu sopportati mill-konvenut.**

**Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga u okkorrendo jieħu azzjoni kriminali fil-konfront ta' Ryan Robert Porter għar-reat ta' sperġur in konnessjoni mal-konferma bil-ġurament tal-kontentut tar-Rikors Ġuramentat Numru 1118/2020/AF fl-ismijiet Belight Capital Group Limited v. Em@ney p.l.c.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**